**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**-vs-**
**Alexander Fava detentur tal-Passaport Taljan bin-numru YB0923478;**

*Każ Nru.: 710/2024*

Illum**, 9 ta' Settembru, 2024**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat **Alexander Fava,** u ċioè talli:

Nhar is-sebgħa (07) ta' Settembru tas-sena elfejn erbgħa u għoxrin (2024) għall-ħabta ta' bejn l-erbgħa ta' wara nofsinhar (16:00Hrs) u t-tmienja ta' wara nofsinhar (20:00Hrs) ġewwa Barlowes, Mercury Tower, Triq San Ġorġ, San Ġiljan, Malta u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-gżejjer:

1) Ikkommetta serq ta' flus kontanti, liema serq huwa aggravat bil-valur, liema valur ma jeċċedix l-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), u liema serq sar għad-dannu ta' **Barlowes, Mercury Tower, Triq San Ġorġ, San Ġiljan** u/jew ta' entità u/jew entitajiet oħra u/jew xi persuna/i oħra;

2) U aktar talli fl-istess dati, lok, ħin u ċirkostanzi volontarjament kiser il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b'għajjat u/jew ġlied;

Din il-Qorti ġiet mitluba sabiex:

i. Tħaddem kontra l-ħati d-dispożizzjonijiet tal-artikoli 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta f'każ li tinstab ħtija għar-reati kollha jew uħud minnhom;

ii. Toħroġ ordni jew ordnijiet ta' protezzjoni kontra l-imputat u favur il-parti jew partijiet leżi *ai termini* tal-artikolu 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta fil-mori tal-kawża kif ukoll, kemm-il darba tinstab ħtija, tħaddem kontra l-ħati d-dispożizzjonijiet tal-artikoli 382A, 383, 384 u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

iii. Kemm-il darba tinstab ħtija għar-reati kollha jew uħud minnhom, tħaddem kontra l-ħati d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 15A u artikolu 532A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta flimkien ma' kull artikolu ieħor tal-liġi li jiżgura kumpens xieraq lill-parti jew partijiet leżi;

Rat li waqt l-udjenza miżmuma llum, l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 392A(1) moqri flimkien mal-artikolu 370(4) tal-Kodiċi Kriminali w ċioè wara li l-imputat wieġeb li hu ħati għall-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba w hi ngħata żmien xieraq sabiex jekk ried jerġa lura minnha u dan anke billi ikkonsulta mal-legali tiegħu hekk kif il-kawża ġiet posposta għal dan l-iskop.

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, u għaldaqstant, fuq l-ammissjoni volontarja w inkondizjonata tiegħu, il-Qorti tiddikjara li m'għandhiex triq oħra salv li ssib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu kif minnu ammessi.

**Il-Piena**

In konsiderazzjoni tal-piena il-Qorti qieset in-natura tar-reati li qed tinstab ħtija dwarhom, tal-ammissjoni ferm bikrija tiegħu, tal-fedina penali netta tiegħu w taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 17(b), 31, 261(ċ), 267, 279(a) u 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, issib l-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu u tikkundannah għal **sena (1) priġunerija** li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali qed tiġi sospiżi għall-tlett (3) snin millum.

Il-Qorti spjegat lill-ħati l-konsegwenzi jekk jikkommetti reat ieħor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza kif ukoll jekk ma jsegwix id-direttivi li se jingħatawlu fil-perjodu ta' superviżjoni

In vista ta' dak li jipprovdi l-artikolu 5(2)(d) tal-Att dwar l-Immigrazzjoni, Kapitolu 217 tal-Liġijiet ta' Malta, tirrakkomanda lill Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni sabiex jeżerċita l-poteri tiegħu taħt l-artikolu 14 tal-istess Att kemm il-darba din is-sentenza tkun għaddiet in ġudikat.

Tordna notifika ta' din is-sentenza lill-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni.

Finalment a tenur tal-artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali, tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' dawn l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech**
**Maġistrat**